**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Raimondo Farrugia**

**Kaz Numru: 191/2005**

**Illum, 28 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raimondo Farrugia ta' 52 sena, bin Joseph u Giulia nee' Forte, imwieled Marsa, fit-8 ta' Mejju 1952, residenti fl-indirizz 'Qalb ta' Gesu', Triq F. Castagna, Gudja, detentur tal-karta tal-identita' numru 390652M :

Talli fit-12 ta' Lulju 2002 u fiz-zminijiet ta' qabel, fil-Floriana, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li fit-12 ta' Lulju 2002 u fiz-zminijiet ta' qabel ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika u ffasifika l-pjanta. Id-dokument inkwistjoni huwa id-DNO Numru 2301/2002 u l-pjanta annessa mieghu.

Illi dawn il-proceduri kellhom il-bidu taghhom wara li l-parte civile odjern Dr Anthony De Gaetano ipprezenta dak li huwa komunement maghruf bhala *challenge* lill-Kummissarju tal-Pulizija li gie deciz fit-12 ta' Jannar 2005.

Sabiex il-kaz jitqieghed fil-perspettiva jehtieg li din il-Qorti tirreferi ghal xi fatti u siltiet saljenti mid-diversi xhieda li jirrizultaw mill-atti u li huma relevanti ghall-kaz odjern:

- Il-parte civile Dr De Gaetano u martu huma proprjetarji tar-residenza taghhom fil-Gudja u appogg ma' din ir-residenza tinsab id-dar appartenenti lill-imputat u martu.
- Il-fond ta' l-imputat u martu kien jappartjeni lil certu Twanny Farrugia. Dan ta' l-ahhar kien bena ftit qabel ma bnew il-konjugi De Gaetano u kien tella' l-hajt bil-permess taghhom. Kien lahaq bena l-ewwel sular u kamra tat-tieni sular. It-tieni sular ma kienx tlesta kollu[1].
- Fis-Sajf tas-sena 1998, l-imputat avvicina lill-konjugi De Gaetano biex jurihom xi pjanti fuq il-bini li kien se jaghmel. Dr De Gaetano[2] xehed li billi kien twahhal avviz skont il-ligi fuq il-faccata ta' Farrugia huwa kien mar jivverifika x'kien se jsir u sab li Farrugia kienu se jzidu xi bini ghaliex kien hemm marki fil-pjanti bl-ahmar li ma kellhomx x'jaqsmu man-naha taghhom hlief ghal kamra zghira fuq in-naha ta' wara li kienet tmiss mal-hitan tal-gnien ta' wara taghhom. Kollox kien se jsir fuq it-tieni sular in-naha l-ohra tal-post tieghu li kienet bl-ahmar ukoll u kien hemm bini fil-garaxx tal-imputat li kien ma' l-appogg tal-girien tan-naha l-ohra.
- Meta l-imputat mar ikellem lill-konjugi De Gaetano bil-pjanti, Dr De Gaetano jixhed li l-imputat qalilhom li l-bini kien se jkun kollu fuq in-naha l-ohra u li huma ma kienux se jintmissu. Josette De Gaetano izda tixhed li meta zewgha mar jivverifika l-MEPA sab li kien se jkun hemm xi tibdil zghir li fil-maggoranza taghhom kellhom x'jaqsmu man-naha tal-gar l-iehor li tfisser allura li xi bini fuq in-naha taghhom kien se jsir zgur u li huma kienu a konoxxenza ta' dan il-fatt.
- L-imputat u martu ssottomettew applikazzjoni mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar liema applikazzjoni ggib in-numru PA1112/98 li maghha kellha annessa pjanta.

[1] Xhieda Dr De Gaetano fil-21 ta' Novembru 2006
[2] Xhieda Dr De Gaetano fil-21 ta' Novembru 2006

- F'nofs Lulju 1998 bdew ix-xogholijiet u l-parte civile induna li l-haddiema bdew iwaqqghu s-saqaf ta' l-ewwel kamra li tmiss ma' taghhom. Waqt li l-familja De Gaetano kienet imsiefra, Dr De Gaetano u martu jixhdu li rcevew telefonata mill-persuna li kienet qeghda tiehu hsieb darhom li l-haddiema ta' l-imputat kienu qeghdin iwaqqghu l-binja fuq in-naha li tmiss ma' l-appogg taghhom.
- Il-parte civile jixhdu li sofrew diversi hsarat fir-residenza taghhom, li l-imputat kien weghdhom li se jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat izda tali weghdi ma nzammux. Ghalhekk kellhom ihallsu minn buthom lil xi haddiema biex iwettqu x-xoghol rimedjali.
- Il-parte civile b'referenza ghall-pjanta a fol 188 tal-process jixhed li huwa nduna li fuq il-pjanta kienu gew indikati affarijiet illi huma ezistenti meta fil-fatt dawn bdew isiru meta hareg il-permess. Partikolarment intwera li bejn iz-zewg partijiet kien hemm bitha kbira li fil-fatt ma kinitx tezisti. Dan id-dokument kien iffirmat mill-Perit Vincent M. Buhagiar u mill-imputat li kienu ddikjaraw li kollox li hemm kien korrett.
- Dr De Gaetano ghamel rapport lis-Senior Enforcement Officers tal-area Joe Zammit u Joe Bonnici u spjegalhom fid-dettal x'kienu l-illegalitajiet ossija li kien hemm affarijiet li kienu qeghdin isiru li ma kienux imsemmija fil-pjanti u affarijiet ohrajn li ntwerew li kienu ezistenti pero' fil-fatt saru wara li hareg il-permess u ghalhekk ghalkemm jidhru li qeghdin fil-pjanti qatt ma ntalab permess ghalihom. L-Enforcement Officers marru jispezzjonaw il-post u hargu Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq fl-1 ta' Settembru 2000 (ECF 889/2000)[3].
- Testwalment dan l-Avviz inhareg billi l-Awtorita' tal-Ippjanar dehrilha li kien hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar fil-post tal-imputat konsistenti f'li: *"Ghamilt zvilupp mhux kopert b'permess li jinkludi twaqqigh ta' tarag u tromba, li minflokhom saret bitha interna, garage li gie mibdul f'kamra residenzjali, bidliet ohra interni inkluzi tnehhija ta' shaft, tkabbir ta' bathroom u tkabbir ta' kamra ohra fil-ground floor (u dan kollu billi gew indikati hazin bhala ezistenti fl-applikazzjoni PA1112/98 – plan no PA 1112/98/1B).*
- Jirrizulta li ma sar l-ebda appell mill-konjugi Farrugia ghall-Avviz mahrug.
- Fil-5 ta' Settembru, 2000 il-Perit Etienne Magri mid-ditta tal-Periti Sant & Mugliette ghan-nom tal-imputat kiteb lic-Cermen tal-Awtorita' s-segwenti[4] sabiex jikkjarifika *minor amendments*: *"With reference to the enforcement notice ECF 889/00, kindly be informed that the original permit for the construction of this dwelling was the one having reference number PAB 1338/84. Following the application for development permission to carry out minor alterations [PA 1112/98]; the demolition of the existing staircase to form an internal yard was erroneously left out.*

---

[3] Dok TDMA a fol 193 tal-process

[4] Dok TDN a fol 197 tal-process

*[application submitted by a different architect]. Besides this, Client carried out other very minor alterations not indicated in permit PA 1112/98".* Ma' din l-ittra gew annessi kopji tal-permess originali li hareg fis-sena 1984, tal-permess PA 1112/98 u tal-ahhar proposti li indikaw l-alterazzjonijiet li l-klijent xtaq jissanzjona.

- Il-parte civile induna b'din l-ittra, mar ikellem lill-Perit Mario Scicluna li kien ipprocessa l-applikazzjoni mill-MEPA izda l-ezitu ta' din il-laqgha ma kienx kif mixtieq.
- Il-konjugi Farrugia jixhdu li f'dan l-istadju kienu gew infurmati mill-Awtorita' li t-talba taghhom kienet se tintlaqa'.
- Il-parte civile in vista ta' l-ezitu negattiv tal-laqgha talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-MEPA liema talba giet ikkunsidrata favorevolment.
- Dr De Gaetano ilmenta ma' l-Awtorita' minhabba li fil-fehma tieghu sehhew diversi rregolaritajiet u semma wkoll li skontu kien hemm falsifikazzjoni ta' pjanti. Min-naha ta' l-Awtorita' ma jirrizultax li qatt ittiehdu passi kontra l-imputat dwar l-allegazzjoni tal-falsifikazzjoni ta' pjanti.
- Il-parte civile fetah kaz civili kontra l-imputat u jirrizulta li matul iz-zmien kien hemm diversi proceduri li llum huma finalment decizi izda l-ezitu taghhom mhux relevanti ai fini tal-proceduri odjerni.
- Fl-atti ta' din il-kawza gew ezebiti wkoll minuti li saru minn ufficjali tal-MEPA fil-file numru 1112/98.
- Minuta numru 16[5] datata 19 ta' Settembru 2000 indirizzata lil V. Torpiano testwalment taqra: *"A meeting was held between myself, Mario Scicluna and Dr Tony De Gaetano where the issue if proposal falls under minor amendment or not was discussed. My feeling is that there have been a number of alterations even on the external appearance which stretch the spirit of the minor amendment regulations. However, same Dr De Gaetano has a direct interest and seems to be objecting to the wrong things are turning out. I suggest we leave application as minor amendment but impose condition safeguarding third party rights specifically the double wall in the shaft. Construction should have a time limit and carried out as a priority before the raiming season. Consideration of fine because works have been carried out is to be given its due weight".*
- Il-minuti sussegwenti jindikaw qbil mal-minuta numru 16 izda jirrilevaw li l-imposizzjoni ta' l-indubblatura jmur oltre' dak solitament stipulat.
- Jirrizulta li f'Lulju tas-sena 2002 giet ipprezentata applikazzjoni DNO ghan-nom ta' l-imputat u martu mhejjija mill-Perit Lino Cachia[6]. Id-deskrizzjoni tax-xogholijiet proposti gew indikati bhala *"Bdil ta' elementi fil-faccata u fil-bitha, alterazzjonijiet interni u estensjoni".* Saret

[5] A fol 201 tal-process
[6] Dok TDT a fol 212 tal-process

referenza ghall-permess numru 1112/98. F'din l-applikazzjoni il-Perit Lino Cachia iddikjara fil-kapacita' tieghu li d-dettalji teknici li jidhru f'din in-notifika u fil-pjanti u d-dokumenti mehmuza maghha huma korretti u shah. Min-naha tieghu l-applikant iddikjara li kien qieghed jinnotifika lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-intenzjoni tieghu li jwettaq xoghol skont ma jidher f'din in-notifikazzjoni u dokumenti mehmuza maghha. Huwa ddikjara li l-informazzjoni kollha li qeghda tigi pprovduta hija korretta u shiha u l-imputat iffirma fuq l-istess applikazzjoni.

- Ma' din in-DNO giet annessa pjanta[7] liema pjanta hija l-istess bhal pjanta li kienet giet annessa mal-applikazzjoni tas-sena 1998 li abbazi taghha nhareg il-permess.
- Il-Perit Lino Cachia pprezenta wkoll 'Legend'[8] sabiex jindika b'mod dettaljat ix-xogholijiet. Il-parte civile jsostni li nghataw dettalji hziena minhabba li fiha jidhru dawk l-affarijiet li ma kienux approvati bil-permess numru 1112/98 billi fil-pjanta qed jinghad li gew approvati mentri kienu inezistenti.
- Fit-3 ta' Ottubru 2002, il-Perit Cachia rcieva minghand l-Awtorita' u gie infurmat li *"due to the warrant of prohibitory injunction, your notification bearing number DN 2301/02 cannot be processed. Moreover, no works can be carried out on site which is covered by a pending enforcement notice".*

Din il-Qorti ghalhekk trid tezamina fid-dawl ta' dan kollu jekk l-imputat hux hati ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-parte civile fit-trattazzjoni tieghu jsemmi l-fatt li l-imputat inqeda b'diversi periti u dan sabiex ikun jista' jiddetta huwa x'kellu jsir. Bhala fatt huwa minnu li l-imputat kellu diversi periti matul il-proceduri. Ghalkemm il-parte civile ressaq l-argumenti tieghu dwar dan jirrizulta li inghataw spjegazzjonijiet plawsibbli ghal dan it-tibdil li se ssir ukoll referenza ghall-istess. Infatti l-perit li pprezenta l-applikazzjoni numru 1112/98 u hejja l-pjanta annessa maghha kien il-perit Vincent M. Buhagiar. Dan il-perit kien jehtieglu jmur jistudja fl-esteru. Ghalhekk huwa rrefera lill-imputat ghand Joseph biex Formosa li mieghu kien jahdem il-Perit Mario Balzan.

Il-Perit V. M. Buhagiar xehed li l-pjanta a fol 192 tal-process giet sottomessa mal-applikazzjoni saret minn draughtsman taht is-supervizjoni tieghu. Huwa xehed li fl-applikazzjoni rrefera ghall-permess tas-sena 1984. Il-Perit fuq il-kwistjoni tal-kuluri isfar u l-ahmar fuq il-pjanta qal li din tal-kuluri il-MEPA ma timxix fuq l-isfar u l-ahmar. Il-MEPA timxi fuq dak li persuna tissottometti u fuq il-permessi diga' ezistenti. Din tal-marki bil-kuluri kienet inholqot mill-Perit Mintoff fil-hamsinijiet meta kien direttur tax-xogholijiet.

---

[7] A fol 214 tal-process
[8] Dok TOS1 a fol 225 tal-process

Ikompli *"inkwantu ghal-linji li ahna fuq il-pjanti originali nkunu ghamilna b'isfar jew bl-ahmar, dawna jkunu ta' assistenza ghall-bennejja biex huma jkunu jifhmu fejn ghandhom jaghmlu x-xoghol li jkun ghal ftuh ta' bibien jew twieqi. Din il-procedura aktar tard kienet giet addottata mill-MEPA.*

Il-Perit Buhagiar in kontro-ezami jixhed li fiz-zmien li giet sottomessa l-applikazzjoni l-kuluri ma kienux obligatorji tant huwa hekk li l-applikazzjoni giet approvata. Il-Perit Buhagiar jikkonferma wkoll li l-firem fuq l-applikazzjoni tan-1998 saru fil-5 ta' Jannar 1998 u l-applikazzjoni saret wara diversi laqghat bejnu u l-imputat. Din il-firma f'kaz li kien hemm dikjarazzjoni falza hija ormai milquta bil-preskrizzjoni.

Wara l-Perit Buhagiar dahal fix-xena l-Perit Mario Balzan li xehed li huwa mar fuq is-sit mal-Perit Buhagiar u ta anki direttivi direttament lill-haddiema, u xi drabi tramite l-imputat billi jkun mar fuq is-sit wara l-hin tax-xoghol tal-haddiema. Meta hareg l-Enforcement Notice kien l-1 ta' Settembru 2000, l-imputat jispjega li ma setax jaqbad lill-Perit Balzan billi kien is-Sajf. L-imputat jixhed li huwa kkomunika mad-ditta Sant & Mugliett billi l-Perit Jesmond Mugliett kien hadimlu diga'. Il-Perit Etienne Magri u d-draughtsman Steve Gambin marru fil-fond tieghu, hadu l-qisien u ghamlu pjanti godda biex ikunu jistghu jigu annessi ma' l-ittra tas-sanzjonar u din intbaghtet il-MEPA. Stennew gimgha/gimghatejn u martu cemplet il-MEPA u Mario Scicluna qalilha li l-permess sanzjonat kien lest. L-ghada marru biex jigbruh izda gew infurmati li Dr De Gaetano kien ipprezenta mandat ta' inibizzjoni li huma ma kienux parti f'dawk il-proceduri.

Eventwalment, ftit anqas minn sentejn war l-ittra tal-Perit Magri l-imputat mar ghand id-ditta Sant & Mugliett mill-gdid u ghall-kaz tieghu gie assenjat il-Perit Lino Cachia. Dan il-perit jispjega in kontro-ezami li huwa ma jafx ghalfejn l-imputat mar ghandu minflok Etienne Magri izda l-probabilita' kienet minhabba l-mod kif kien jigi distribwit ix-xoghol fl-ufficcju taghhom. Il-Perit Cachia xehed meta l-imputat mar l-ufficcju taghhom. In kontro-ezami jixhed li inkwantu ghall-*enforcement notice* l-Perit Cachia dehrlu li l-notification order kienet tindirizza l-issues li kien hemm u b'hekk seta' jissanzjona l-bini. Kien jaf li l-*enforcement notice* kien ghadu fis-sehh meta ghamel il-procedura tad-DNO. Kien indika l-pjanti kif kienu approvati fil-1112/98. Huwa mar fuq il-post u ddsikuta wkoll ma' l-imputat. Ghar-rigward il-pjanti, dak li gie indikat bil-kulur isfar huwa x'ried jitnehha. F'punt minnhom jixhed li *"..biex inkunu qed nghidu kollox jiena mid-dehra qed nara, kif innutajt inti, xi zball tad-drafting illi hawnhekk fil-legend huwa proposed changes, mentri hawnhekk qed nindikahom as built. Jigifieri ma nahsibx illi ridt b'xi mod nimmisgwida, huwa zball genwin tad-draughtsman".*

Illi l-artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali jistipula li:

*"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa:*

*Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbilita' ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla".*

Illi f'dan il-kaz l-imputat qieghed jigi akkuzat bil-falz ideologiku. Il-kelma 'xjentement' fl-akkuza odjerna hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. Manzini fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' mens rea f'dan id-dolo. Huwa jsostni li*:"il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto*", filwaqt li: *"dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*"

Illi diga' gie stabilit li l-pjanta annessa mad-DNO giet redatta minn draughtsman taht is-supervizjoni tal-Perit Cachia li ma qghadx sempliciment fuq dak li seta' qallu l-imputat izda mar huwa stess fuq il-post kif ikkonfermat mid-draughtsman Steve Gambin innifsu.

Illi ma jridx jintesa wkoll li fiz-zmien li saret l-applikazzjoni tad-DNO u l-pjanta, kien diga' hareg l-enforcement notice u l-mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' kien ilu in vigore u l-imputat kien a konoxxenza tieghu nonostante li ma kienx parti f'dawk il-proceduri.

Tajjeb jinghad ukoll li l-Perit Etienne Magri fl-ittra tieghu kien irrefera ghall-permess originali 1338/84. Hekk kif kien indika wkoll il-Perit Buhagiar.

Filwaqt li l-parte civile jsostni li l-pjanta annessa mad-DNO fiha skorrettezi, min-naha l-ohra l-periti diversi li gew prodotti bhala xhieda mill-imputat isostnu li f'dawn il-pjanti li rredigew m'hemm xejn hazin fihom. Tant li l-Perit Cachia sahansitra hejja *legend* biex ikun aktar preciz u dan billi kien jaf li kien hemm il-kwistjonijiet mal-girien taghhom. Fil-minuti fil-fajl numru 1112/98 tal-Awtorita' imkien ma gie indikat li l-pjanti sottomessi huma foloz.

Illi ppuntwalizzat dan kollu, m'hemmx dubju u d'altronde lanqas huwa kontestat li l-imputat iffirma l-applikazzjoni mertu tal-kaz odjern. Il-parte civile jinsisti dwar il-pjanta tas-sena 1998 u jissottometti li l-pjanta tas-sena 2002 (redatta minn perit differenti) hija l-istess u li t-tnejn huma foloz (ghalkemm kif diga' inghad inkwantu ghall-pjanta tas-sena 1998 kwalunkwe

azzjoni li setghet ittiehdet hija milquta bi preskrizzjoni). L-imputat jixhed: *"Nixtieq nghid il-pjanta li l-Perit Vincent Buhagiar annessa ma' din l-applikazzjoni flimkien mal-kontenut ta' dawn it-tliet (3) talbiet li hemm fl-applikazzjoni ghalija huma dak kollu li xtaqt jien bhala tibdil f'dan il-fond li xtrajt jiena. Nghid illi mill-pjanta jemergu affarijiet ohra li jiena xtaqt huma l-extension tal-bathroom, l-ispustjar tat-tarag, il-kamra ta' fuq, indikazzjoni ta' kcina, dining-room u l-living room jiccarrat il-hajt kollu biex jigi espost ghad-dawl. Nixtieq nghid ukoll illi kien hemm tal-bitha u t-twessiegh tat-twieqi li jiena diga' semmejt".* Imbaghad dwar il-pjanta annessa mad-DNO u l-istess applikazzjoni l-imputat jikkonferma li qabel ma ffirma l-pjanta huwa kien raha izda ma kienx jaf li wiehed irid jimmarka bl-ahmar. Huwa ma staqsix lill-perit ghalfejn kien hemm oggetti mmarkati bl-ahmar. Jixhed li lill-Perit Lino Cachia ghaddilu l-enforcement notice u qallu li xtaq li jissana l-afarijiet bl-applikazzjoni tad-DNO u halla f'idejh. Jaghraf li d-dikjarazzjoni li hemm taht il-firma tieghu kien qraha.

Din il-Qorti ma tqisx li l-mens tal-imputat gie ppruvat oltre' d-dubbju dettat mir-raguni. Huwa evidenti li l-imputat, ghalkemm kien jiddiskuti mal-periti, halla f'idejhom. L-imputat min-naha l-ohra kien konxju tal-fatt li kien inhareg enforcement notice, inhareg mandat ta' inibizzjoni, ittiehdu diversi proceduri civili u kriminali – il-mistoqsija legittima sollevata mid-difiza hija: possibbli l-imputat li konsapevoli ta' dan kollu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza? Din il-Qorti hija konvinta li l-imputat qatt ma kellu tali intenzjoni. Apparti minn hekk, din il-Qorti tqis li lanqas ma gie ppruvat li l-pjanta hija falza. Dan kollu qieghed jinghad billi l-periti li rredigewhom ma jaqblux li huma foloz jew hziena; dejjem saret referenza ghall-permess originali u ghalhekk certament li l-MEPA setghet taghmel l-accertamenti kollha. Kwindi huwa evidenti li anki jekk setghu kien hemm xi zbalji fil-pjanta dan ma sarx xjentement biex ikun hemm dikjarazzjoni falza. L-istess Perit li rredigiha jixhed li forsi l-affarijiet setghu saru ahjar imma jekk kien hemm zball dan kien wiehed genwin. Inoltre' l-fatt li saret referenza ghall-permess originali innifsu huwa indikattiv li ma kienx hemm l-intenzjoni ta' xi dikjarazzjoni falza ghaliex l-Awtorita' dejjem kellha l-fakulta' li tivverifika l-istess permess originali u pjanta.

Il-parte civile tenfasizza fuq l-ittra a fol 421[9] miktuba mill-imputat lil Francis Tabone, segretarju tac-Chairman ta' l-Awtorita' u jispjegalu dak kollu li sar fid-DNO. Dan huwa kelma b'kelma fil-legend li hejja l-Perit Cachia. Kwindi l-parte civile jsostni li altru milli l-imputat kien jaf x'inhu jigri. Infatti l-imputat ma jghidx li ma kienx x'jaf x'inhu jigri. Il-parte civile fis-sottomissjoni tieghu jghid li l-imputat baqa' ghaddej bid-DNO ghaliex webbes rasu u ghalhekk il-mens rea huwa sodisfatt. Hawnhekk il-Qorti

[9] A fol 675 tal-process

taqbel mad-difiza li proprju din hija n-negazzjoni tal-mens rea. L-imputat kien konvint f'dan il-kaz li m'ghamel xejn hazin u ghalhekk kompla ghaddej.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti u wara li rat l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat